

## NOTA TA' GWIDA 2

**Suġġett:** Ir-reġistrazzjoni tal-ħin ta' l-ivvjaġġar ta' sewwieq lejn post li mhux il-post normali fejn jieħu taħt idejh jew iħalli l-vettura skond ir-Regolament(KE) Nru 561/2006

**Artikolu:** L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006.

**Metodu li għandu jkun segwit:**

Sewwieq li jkun qed jivvjaġġa lejn post speċifiku, li ma jkunx iċ-ċentru operattiv tal-prinċipal, indikat lis-sewwieq mill-prinċipal biex jieħu taħt idejh u jsuq vettura mgħammra bit-takografu, ikun qed jissodisfa obbligu lejn il-prinċipal tiegħu u għaldaqstant is-sewwieq ma jiddisponix liberament minn hinu.

Għalhekk, b'konformità ma' l-Artikoli 9(2) u 9(3):

- kull ħin li s-sewwieq jagħmel isuq lejn u minn lok, li ma jkunx id-dar tas-sewwieq jew iċ-ċentru operattiv tal-prinċipal u fejn is-sewwieq ikollu uppost jieħu taħt idejh jew iħalli l-vettura skond ir-Regolament, irrispettivament minn jekk il-prinċipal ikunx tah struzzjonijiet dwar x'ħin u kif għandu jivvjaġġa jew jekk dik l-għażla tkunx tħalliet f'idejn is-sewwieq, għandu jiġi reġistrat jew bħala 'disponibbiltà' jew bħala 'xogħol ieħor', skond il-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istat Membru.

u

- ħin ħin li s-sewwieq jagħmel isuq **vettura, li ma tkunx koperta mir-Regolament, lejn jew minn lok, li ma jkunx id-dar tas-sewwieq jew iċ-ċentru operattiv tal-prinċipal u fejn is-sewwieq suppost ikun irid jieħu taħt idejh jew iħalli l-vettura koperta bir-Regolament, għandu jiġi reġistrat bħala 'xogħol ieħor'**

Fit-tliet każi li ġejjin, il-ħin li jagħmel jivvjaġġa jista' jitqies bħala 'mistrieħ' jew 'pawża'.

L-ewwel każ hu meta s-sewwieq jakkumpanja vettura li hi trasportata b'biċċa tal-baħar jew ferrovija. F'dan il-każ, is-sewwieq jista' jieħu l-mistrieħ jew il-pawża tiegħu kemm-il darba jkollu aċċess għal *courette* jew sodda (l-Artikolu 9.1).

It-tieni każ huwa meta s-sewwieq ma jkunx qed jakkumpanja vettura, iżda jkun qed jivvjaġġa b'ferrovija jew b'biċċa tal-baħar lejn jew minn post fejn is-sewwieq ikun ser jieħu l-kontroll jew iħalli vettura koperta bir-Regolament (l-Artikolu 9.2) kemm-il darba s-sewwieq ikollu aċċess għal *courette* jew sodda fuq il-biċċa tal-baħar jew il-ferrovija.

It-tielet hu meta vettura tinsaq minn aktar minn sewwieq wieħed. Meta membru ieħor ta' l-ekwipaġġ huwa disponibbli biex isuq meta meħtieġ, ikun bilqiegħda ħdejn is-sewwieq tal-vettura u mhux attivament involut fl-għoti ta' assistenza lis-sewwieq li jkun qed isuq il-vettura, perjodu ta' 45 minuta mill-'perjodu ta' disponibbiltà' ta' dak il-membru ta' l-ekwipaġġ jista' jitqies bħala pawża.

Ma jeżistix divrenzar għan-natura tal-kuntratt ta' l-impjeg tas-sewwieq. Għaldaqstant dawn ir-regoli japplikaw kemm għal sewwieqa permanenti u wkoll għas-sewwieqa mħaddma fuq bażi temporanja minn impriża li tkun tkun tipprovdi xogħol temporanju.

Għal 'sewwieq temporanju,' iċ-ċentru operattiv tal-prinċipal' hu ċentru operattiv ta' impriża li tuża s-servizzi ta' dak is-sewwieq għat-trasport stradali tagħha ('utent ta' l-impriża'), u mhux l-uffiċċju ewlieni ta' l-impriża ta' l-impjeg temporanju'

**Kumment:** Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, Kawża C-76/77 u Kawża C-297/99

***IL-LEĠISLAZZJONI SOĊJALI FIT-TRASPORT STRADALI***  
***Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, id-Direttiva 2006/22/KE, ir-Regolament(KEE)***  
***Nru 3821/85***